

32004D0382

L 144/11

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.4.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' April 2004

li taddotta d-deċiżjonijiet ta' l-importazzjonijiet Komunitarji għal ċerti kimiċi skond ir-Regolament (KE)

Nru 304/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2004/482/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 304/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 li jirrigwarda l-esportazzjoni u l-importazzjoni tal-kimiċi perikolużi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari Artikolu 12(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond ir-Regolament (KE) Nru 304/2003 il-Kummissjoni trid tiddeċiedi f'isem il-Komunità, jekk tippermettix jew le l-importazzjoni għewwa l-Komunità ta' kull oġġett kimiku bla ħsara għall-proċedura tal-kunsens imgħarraf minn qabel (PIC).
- (2) Il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ambjent (il-UNEP) u l-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Biedja (il-FAO) għew maħtura sabiex jipprovdu s-servizzi segretarjali għall-operat tal-proċedura interim tal-PIC stabbilita bl-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzerji tal-Konferenza ta' Rotterdam dwar il-proċedura tal-Kunsens Imgħarraf minn Qabel (il-PIC) għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali, iffirmat fil-11 ta' Settembru 1998, u approvat mill-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2002 li tirrigwarda l-approvazzjoni, f'isem il-Komunità, tal-Konferenza ta' Rotterdam dwar il-proċedura tal-Kunsens Imgħarraf minn Qabel għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali ⁽²⁾, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni dwar l-arranġamenti interim stabbiliti fl-Att Finali.
- (3) Il-Kummissjoni, hija u taġixxi bħala awtorità komuni nominata, hija meħtieġa li tibgħat id-deċiżjonijiet dwar il-kimiċi lis-Segretarjat tal-proċedura interim tal-PIC, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha.
- (4) Is-Segretarjat *interim* talab illi l-parteċipanti fil-proċedura tal-PIC jużaw il-formola tat-Tweġiba speċjali tal-Pajjiż Importatur meta jirrapportaw id-deċiżjonijiet tagħhom ta' l-importazzjonijiet.

- (5) Il-kimiċi aktinolit, amosit, antofillit u tremolit li lkoll huma għamliet amfiboli tal-fibri ta' l-asbestos għew magħduda wkoll mal-proċedura interim tal-PIC u l-Kummissjoni rċeviet tagħrif mis-Segretarjat interim fil-għamla ta' dokument ta' gwida għad-deċiżjonijiet (li jinkludi wkoll l-asbestos crocidolit, li kien diġà inkluż fil-proċedura interim tal-PIC u kien bla ħsara għal deċiżjoni Komunitarja finali ta' l-importazzjoni li għet irrappurtata fiċ-ċirkolari IV tal-PIC li tirrifletti kif kienet il-pożizzjoni fil-31 ta' Diċembru 1994). Dawn il-kimiċi kollha għew ipprojbti jew ristretti bl-aħrax b'mod progressiv fil-livell Komunitarju permezz ta' serje ta' azzjonijiet regolatorji, li l-aħħar waħda minnhom hija d-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/77/KE tas-26 ta' Lulju 1999 ⁽³⁾ li taddatta għas-sitt darba d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjoniet amministrattivi ta' l-Istati Membri fejn jidħlu r-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u tħejjijiet perikolużi ⁽⁴⁾. Għaldaqstant għandha tittieħed deċiżjoni dwar rapport finali għall-aktinolit, l-amosit, l-antofillit u t-tremolit u għandha tittieħed deċiżjoni finali riveduta u aġġornata rigward il-kroċidolit.

- (6) Il-kimika DNOC għet miżjuda mal-proċedura interim tal-PIC, bħala pestiċida, li għaliha l-Kummissjoni rċeviet it-tagħrif minn għand is-Segretarjat Interim fil-għamla ta' dokument ta' gwida għad-deċiżjoniet. Id-DNOC jidħol fl-iskop tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tirrigwarda t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ⁽⁵⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni (KE) Nru 806/2003 ⁽⁶⁾. Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/164/KE tas-17 ta' Frar 1999 li tirrigwarda n-nuqqas ta' inklużjoni tas-sustanza attiva fl-Anness I mad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom din is-sustanza attiva ⁽⁷⁾, id-DNOC kien eskluż mill-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE u l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom minnu kellhom jiġi rtirati sas-16 ta' Awissu 1999. Għaldaqshekk għandha tittieħed deċiżjoni finali dwar l-importazzjonijiet.

- (7) Ċerti formolazzjonijiet tal-pestiċidi, fil-għamla ta' formolazzjonijiet tat-trab li jista' jtnaddaf li jkun fihom għaqda tal-benomil ta' 7 % jew fuqhom, tal-karbofuran ta' 10 % jew fuqhom u tat-tiram ta' 15 % jew fuqhom, għew ukoll miżjuda mal-proċedura interim tal-PIC. Il-Kummissjoni rċeviet

⁽¹⁾ Regolament kif l-ahar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 775/2004 (ĠU L 123, tas-27.4.2004, p. 27).

⁽²⁾ ĠU L 63, tas-6.3.2003, p. 27.

⁽³⁾ ĠU L 207, tas-6.8.1991, p. 18.

⁽⁴⁾ ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 24.

⁽⁵⁾ ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 54, tat-2.3.1999, p. 21.

tagħrif mis-segretarjat interim fil-ġhamla ta' dokument gwida għad-deċiżjonijiet. Il-kimiċi benomil, karbofuran u tiram jidħlu fl-iskop tad-Direttiva 91/414/KEE. Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/928/KE tas-26 ta' Novembru 1999 li tirrigwarda n-nuqqas ta' inklużjoni tal-benomil fl-Anness I mad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom din is-sustanza attiva ⁽¹⁾, il-benomil ġie eskluż mill-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE u l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkunu fihom minnu kellhom jiġu rtirati sal-25 ta' Mejju 2003. Il-Karbofuran bħalissa huwa bla ħsara għal stima għaddejja fil-qafas tad-Direttiva 91/414/KEE. Din id-Direttiva tipprovdi perjodu transitorju taż-żmien li matulu l-Istati Membri jitħallew li jieħdu deċiżjonijiet nazzjonali dwar is-sustanzi u l-prodotti li jidħlu fl-iskop tagħha sakemm tittieħed deċiżjoni Komunitarja. Bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/81/KE tal-5 ta' Settembru 2003 li temenda d-Direttiva 91/414/KE sabiex tinkludi l-molinat, it-tiram u ż-żiram bħala sustanzi attivi ⁽²⁾, it-tiram ġie inkluż fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE u huwa awtorizzat sabiex jintuża fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bla ħsara għal ċerti kondizzjonijiet. It-tiram ġie notifikat ukoll taħt id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 li tirrigwarda t-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali ⁽³⁾, li tipprovdi għal perjodu transitorju taż-żmien li matulu l-Istati Membri jistgħu, sakemm il-Kummissjoni tieħu deċiżjoni, jieħdu deċiżjoni dwar is-sustanzi u l-prodotti li jidħlu fl-iskop tagħha. B'konsegwenza ta' dan, deċiżjoni *interim* dwar l-importazzjonijiet għandha tittieħed għall-formolazzjonijiet li jistgħu jsiru trab li jista' jitnaddaf li jkun fihom għaqda ta' benofil, karbofuran u tiram f'konċentrazzjonijiet speċifikati jew fuqhom.

- (8) Il-miżuri provvduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE ⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/59/KE ⁽⁵⁾.

IDDEĊIDIET DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Hija adottata d-deċiżjoni finali dwar l-importazzjoni tal-kimiċi aktinolit, amosit, antofillit, kroċidolit u treolit, kif iddikjarati fil-formola tat-tweġiba ta' l-importazzjonijiet li tinsab fl-Anness I.

Artikolu 2

Hija adottata d-deċiżjoni finali dwar l-importazzjoni tal-kimika DNOC, kif iddikjarata fil-formola tat-tweġiba ta' l-importazzjonijiet li tinsab fl-Anness I.

Artikolu 3

Hija adottata wkoll id-deċiżjoni *interim*, dwar l-importazzjoni fil-ġhamla ta' formolazzjonijiet tat-trab li jista' jitnaddaf li jkun fihom għaqda tal-benomil ta' 7 % jew fuqhom, tal-karbofuran ta' 10 % jew fuqhom u tat-tiram ta' 15 % jew fuqhom fl-Anness III.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

Margot WALLSTRÖM

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 322, tas-27.11.2002, p. 53.

⁽²⁾ ĠU L 224, tas-6.9.2003, p. 29.

⁽³⁾ ĠU L 123, ta' l-24.4.1998, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 196, tas-16.8.1967, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 225, tal-21.8.2001, p. 1.

ANNEX I

Id-deċiżjoni finali ta' l-importazzjonijiet tal-kimiċi aktinolit, amosit, antofillit u tremolit, flimkien ma' deċiżjoni finali u aġġornata ta' l-importazzjonijiet għall-kroċidolit li tibdel id-deċiżjoni ta' qabel tas-sena 1994 dwar l-importazzjonijiet



**Is-Segretarjat Interim tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Kunsens
Imgħarraf minn Qabel għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi Perikolużi fil-
Kummerċ Internazzjonali**



FORMOLA GĦAT-TWEĠIBA TAL-PAJJIŻ IMPORTATUR

IMPORTANTI: Ara l-istruzzjonijiet qabel timla l-formola

IL-PAJJIŻ: Il-Komunità Ewropea

(L-Istati Membri: l-Awstrija, l-Belġju, id-Danimarka, l-Finlandja Franza, l-Ġermanja, l-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, l-Olanda, l-Portugall, Spanja, l-Isvezja, r-Renju Unit)

TAQSIMA 1. IDENTITÀ TAL-KIMIKA

1.1	Isem Komuni	Asbestos fil-għamliet li ġejjin: Aktinolit, Antofillit, Amosit, Kroċidolit u Tremolit										
1.2	Numri tas-SAK	<table><tr><td>Aktinolit</td><td>77536-66-4</td></tr><tr><td>Antofillit</td><td>77536-67-5</td></tr><tr><td>Amosit</td><td>12172-73-5</td></tr><tr><td>Kroċidolit</td><td>12001-28-4</td></tr><tr><td>Tremolit</td><td>77536-68-6</td></tr></table>	Aktinolit	77536-66-4	Antofillit	77536-67-5	Amosit	12172-73-5	Kroċidolit	12001-28-4	Tremolit	77536-68-6
Aktinolit	77536-66-4											
Antofillit	77536-67-5											
Amosit	12172-73-5											
Kroċidolit	12001-28-4											
Tremolit	77536-68-6											
1.3	Tip tal-formolazzjoni u l-kontenut ta' l-ingredjent attiv											

TAQSIMA 2.1 T-TWEĠIBA TA' L-IMPORTAZZJONI PROVVDUTA F'DIN IL-FORMOLA TAPPLIKA GĦALL-KATEGORIJA JEW KATEGORIJI LI ĠEJJIN.

- ☐ Pestiċidi
☒ Industrijali
☐ Formolazzjoni tal-pestiċida ta' riskju aħrax

TAQSIMA 3. INDIKAZZJONI RIGWARD IT-TWEĠIBA TA' QABEL (JEKK IKUN HEMM MINNHOM)

3.1	X Din hija tweġiba ta' l-ewwel darba għall-importazzjoni ta' din il-kimika fil- pajjiż*. * għajr għall-kroċidolit, li għalih deċiżjoni finali tas-sena 1994 hija aġġornata.
3.2	☐ Din hija modifikazzjoni ta' tweġiba ta' qabel. It-tweġiba ta' qabel kienet deċiżjoni finali. It-tweġiba ta' qabel kienet tweġiba interim. Id-data tal-ħruġ tat-tweġiba ta' qabel: _____ ☐ Iva ☐ Le ☐ Iva ☐ Le

TAQSIMA 4. IT-TWEĠIBA LI TIRRIGWARDA IMPORTAZZJONI FUTURA

X Deċiżjoni Finali (Imla sezzjoni 5, paġna 2) **JEW** ☐ Tweġiba interim (Imla sezzjoni 6, paġna 3-4)

TAQSIMA 5. DEĊIŻONI FINALI SKOND IL-MIŻURI LEĠISLATTIVI U AMMINISTRATTIVI NAZZJONALI

5.1 **X L-ebda kunsens għall-importazzjoni**

Hija l-importazzjoni tal-kimika mis-sorsi kollha projbita simultanjament? ☒ Iva ☐ Le

Hija l-produzzjoni domestika tal-kimika għall-użu domestiku projbita simultanjament? ☒ Iva ☐ Le

5.2 ☐ **Kunsens għall-importazzjoni****5.3** ☐ **Kunsens għall-importazzjoni bla ħsara biss għal kondizzjonijiet speċifikati**

Huma l-kondizzjonijiet għall-importazzjoni tal-kimika l-istess għas-sorsi kollha ta' l-importazzjoni? ☐ Iva ☐ Le

Huma l-kondizzjonijiet tal-produzzjoni domestika tal-kimika għall-użu domestiku l-istess bħall-importazzjonijiet kollha? ☐ Iva ☐ Le

5.4 **IL-MIŻURA LEĠISLATTIVA JEW AMMINISTRATTIVA NAZZJONALI LI FUQHA HIJA MSEJSA D-DEĊIŻJONI FINALI**

Iddeskrivi l-miżura legiſlattiva jew amministrattiva nazzjonali:

Huma projbiti t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-għamliet kollha tal-fibri ta' l-asbestos u l-prodotti li jkun fihom minnhom. Il-kimiċi kienu projbiti formalment b'serje ta' azzjonijiet regolatorji mis-sena 1983, li l-aħħar waħda minnhom hija d-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/77/KE (ĠU L 207, tas-6.8.1999, p. 18) li taddatta għall-progress tekniku għas-sitt darba l-Anness I mad-Direttiva tal-Kunsill 78/69/KEE li għandha x' taqsam mat-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet tal-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u tħejjijiet perkolużi.

L-isem u l-indirizz kompleti ta' l-istituzzjoni/l-awtorità responsabbli mill-ħruġ tal-miżura legiſlattiva jew amministrattiva nazzjonali:

Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha (ara l-indirizz fit-taqsima 8).

5.5 **Rimarki** (ara that il-punti 5.3 u 5.4)

Qatt kien hemm talba għar-reġistrazzjoni ta' din il-kimika fil-pajjiż? ☐ Iva ☐ Le

Hija din il-kimika bħal issa reġistrata fil-pajjiż? ☐ Iva ☐ Le

Hija din il-kimika fabbrikata fil-pajjiż? ☐ Iva ☐ Le

Hija l-kimika formolata fil-pajjiż? ☐ Iva ☐ Le

Jekk iva għall-waħda jew l-oħra għal dawn l-aħħar żewġ mistoqsijiet: ☐ Iva ☐ Le

Hija maħsuba għal esportazzjoni? ☐ Iva ☐ Le

Rimarki oħra

TAQSIMA 6. TWEĠIBA INTERIM

6.1 ☐ **L-ebda kunsens għal importazzjoni**

Hija l-importazzjoni tal-kimika mis-sorsi kollha projbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le

Hija l-produzzjoni domestika tal-kimika għall-użu domestiku projbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le

6.2	☐ Kunsens għal importazzjoni		
6.3	☐ Kunsens għal importazzjoni bla ħsara biss għal kondizzjonijiet speċifikati Il-kondizzjonijiet speċifikati huma: Huma l-kondizzjonijiet għall-esportazzjoni tal-kimika l-istess għas-sorsi kollha ta' importazzjoni? ☐ Iva ☐ Le Huma l-kondizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tal-kimika għall-użu domestiku l-istess għall-importazzjonijiet kollha? ☐ Iva ☐ Le		
6.4	INDIKAZZJONI TA' KONSIDRAZZJONI ATTIVA SABIEX TINTLAĦAQ DEĊIŻJONI FINALI		
	1.1. Hija deċiżjoni finali taħt konsiderazzjoni attiva? ☐ Iva ☐ Le Ħin approssimativ neċessarju qabel ma' tintlaħaq id-deċiżjoni finali: L-isem u l-indirizz kompluti ta' l-istituzzjoni/l-awtorita responsabbli li jkunu qegħdin jikkunsidraw attivament deċiżjoni finali:		
6.5	TAGĦRIF JEW GĦAJNUNA MITLUBA BIEX TINTLAĦAQ DEĊIŻJONI FINALI		
	It-tagħrif addizzjonali li ġej huwa mitlub mis-Segretarjat: L-għajnuna li ġeja hija mitluba mingħand il-pajjiż li notifika l-azzjoni regolatorja finali: L-assistenza li ġeja hija rikjesta mis-Segretarjat fil-valutazzjoni tal-kimika:		
6.6	Rimarki		
	Qatt kien hemm talba għar-reġistrazzjoni ta' din il-kimika fil-pajjiż? ☐ Iva ☐ Le		
	Hija din il-kimika bħalissa reġistrata fil-pajjiż? ☐ Iva ☐ Le		
	Hija din il-kimika fabbrikata fil-pajjiż? ☐ Iva ☐ Le		
	Hija din il-kimika formolata fil-pajjiż? ☐ Iva ☐ Le		
	Jekk iva għall-waħda jew l-oħra minn dawn l-aħħar żewġ mistoqsijiet:	Hija maħsuba għal użu domestiku?	☐ Iva ☐ Le
		Hija maħsuba għal esportazzjoni?	☐ Iva ☐ Le
	Rimarki oħra		

TAQSIMA 7. TAGĦRIF ADDIZZJONALI RILEVANTI

Kull forma ta' asbestos huwa klassifikat skond id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar l-aprossimazzjoni lejn xulxin tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-klassifika, l-ippakkjar u l-għoti tat-tikketti tas-sustanzi perikolużi (ĠU L 196, tas-16.8.1967, p.1) bħala: Carc. Kat. 1; R45 (Kategorija karsinogenika; jista' jikkawża l-kanċer) – T; R 48/23 (Tossiku; riskju ta' ħsara gravi għas-saħħa b'esperjazzjoni prolongata mat-tehdid tan-nifs).

TAQSIMA 8. L-AWTORITÀ NAZZJONALI NOMINATA

Istituzzjoni	Il-Kummissjoni Ewropea Id-DĠ ta' l-Ambjent
Indirizz	Rue de la Loi 200 B-1049 Brussel il-Belġiu

ANNEX II

Deċiżjoni finali għall-importazzjoni għall-kimika DNOC



**Is-Segretarjat Interim tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Kunsens
Imgħarraf minn Qabel għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi Perikolużi fil-Kummerċ
Internazzjonali**



FORMOLA GĦAT-TWEĠIBA TAL-PAJJIŻ IMPORTATUR

IMPORTANTI: Ara l-istruzzjonijiet qabel timla l-formola

IL-PAJJIŻ: Il-Komunità Ewropea

(L-Istati Membri: l-Awstrija, l-Belġju, d-Danimarka, l-Finlandja, Franza, l-Ġermanja, l-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, l-Olanda, l-Portugall, Spanja, l-Isvezja, r-Renju Unit)

TAQSIMA 1. IDENTITÀ TAL-KIMIKA

1.1	Isem Komuni	Id-DNOC u l-imluħ tiegħu (bħalma huma l-melħ ta' l-ammonju, l-melħ tal-potassju u l-melħ tas-sodju)
1.2	Numri tas-SAK	Id-DNOC 534-52-1 Melħ ta' l-Ammonju 2980-64-5 Melħ tal-Potassju 5785-96-2 Melħ tas-Sodju 2312-76-7
1.3	Tip tal-formolazzjoniu l-kontenut ta' l-ingred-jent attiv	

TAQSIMA 2. TWEĠIBA TA' L-IMPORTAZZJONI PROVVISTA FIDIN IL-FORMOLA TAPPLIKA GĦALL-KATEGORJA JEW KATEGORJI LI ĠEJJIN.

- ☒ Pestiċidi
- ☐ Industrijali
- ☐ Formolazzjoni tal-pestiċida ta' riskju aħrax

TAQSIMA 3. INDIKAZZJONI RIGWARD IT-TWEĠIBA TA' QABEL (JEKK IKUN HEMM MINNHOM)

3.1	☒ Din hi tweġiba ta' l-ewwel darba għall-importazzjoni ta' din il-kimika fil-pajjiż.	
3.2	☐ Din hija modifikazzjoni ta' tweġiba ta' qabel. It-tweġiba ta' qabel kienet deċiżjoni finali It-tweġiba ta' qabel kienet tweġiba interim Id-data tal-ħruġ tat-tweġiba ta' qabel: _____	☐ Iva ☐ Le ☐ Iva ☐ Le

TAQSIMA 4. TWEĠIBA LI TIRRIĠWARDA IMPORTAZZJONI FUTURA

X **Deċiżjoni Finali (Imla sezzjoni 5, paġna 2)** JEW ☐ **Tweġiba interim (Imla sezzjoni 6, paġna 3-4)**

TAQSIMA 5. DEĊIŻJONI FINALI SKOND IL-MIŻURI LEĠISLATTIVI U AMMINISTRATTIVI NAZZJONALI

5.1	X L-ebda kunsens għal importazzjoni Hija l-importazzjoni tal-kimika mis-sorsi kollha projbita simultanjament? X Iva ☐ Le Hija l-produzzjoni domestika tal-kimika għall-użudomestiku projbita simultanjament? X Iva ☐ Le						
5.2	☐ Kunsens għal importazzjoni						
5.3	☐ Kunsens għal importazzjoni bla ħsara biss għal kondizzjonijiet speċifikati Il-kondizzjonijiet speċifikati huma: Jekk il-kondizzjonijiet għall-importazzjoni tal-kimika humiex l-istess għas-sorsi kollha ta' l-importazzjoni? ☐ Iva ☐ Le Jekk il-kondizzjonijiet tal-produzzjoni domestika tal-kimika għall-użu domestiku humiex l-istess bħall-importazzjonijiet kollha? ☐ Iva ☐ Le						
5.4	MIŻURA LEĠISLATTIVA JEW AMMINISTRATTIVA NAZZJONALI LI FUQHA HIJA MSEJSA D-DEĊIŻJONI FINALI Deskrizzjoni tal-miżura legiſlattiva jew amministrattiva nazzjonali: Huwa projbit l-użu jew it-tweġid fis-suq tal-prodotti kollha għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom id-DNOC. Id-DNOC kien eskluż mill-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u għalhekk l-awtorizzazzjoni għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom din is-sustanza attiva ġew irtirati skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/164/KE (ĠU L 54, tat-2.3.1999, p. 21). L-isem u l-indirizz kompluti ta' l-istituzzjoni/l-awtorità responsabbli mill-ħruġ tal-miżura legiſlattiva jew amministrattiva nazzjonali: Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha (ara l-indirizz fit-taqsima 8).						
5.5	Rimarki Qatt kien hemm talba għar-reġistrazzjoni ta' din il-kimika fil-pajjiż? ☐ Iva ☐ Le Hija din il-kimika bħaliſsa reġistrata fil-pajjiż? ☐ Iva ☐ Le Hija din il-kimika fabbrikata fil-pajjiż? ☐ Iva ☐ Le Hija l-kimika formolata fil-pajjiż? ☐ Iva ☐ Le <table border="1" style="width: 100%;"> <tr> <td rowspan="2">Jekk iva għal waħda jew l-oħra għal dawn l-aħħar żewġ mistoqsijiet:</td> <td>Hija maħsuba għal użu domestiku?</td> <td>☐ Iva ☐ Le</td> </tr> <tr> <td>Hija maħsuba għal esportazzjoni?</td> <td>☐ Iva ☐ Le</td> </tr> </table> Rimarki oħra		Jekk iva għal waħda jew l-oħra għal dawn l-aħħar żewġ mistoqsijiet:	Hija maħsuba għal użu domestiku?	☐ Iva ☐ Le	Hija maħsuba għal esportazzjoni?	☐ Iva ☐ Le
Jekk iva għal waħda jew l-oħra għal dawn l-aħħar żewġ mistoqsijiet:	Hija maħsuba għal użu domestiku?	☐ Iva ☐ Le					
	Hija maħsuba għal esportazzjoni?	☐ Iva ☐ Le					

TAQSIMA 6. TWEĠIBA INTERIM

6.1	☐ L-ebda kunsens għal importazzjoni Hija l-importazzjoni tal-kimika mis-sorsi kollha projbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le Hija l-produzzjoni domestika tal-kimika għall-użu domestiku projbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le	
6.2	☐ Kunsens għal importazzjoni	

6.3	☐ Kunsens għal importazzjoni bla ħsara biss għal kondizzjonijiet speċifikati					
	Huma l-kondizzjonijiet għall-esportazzjoni tal-kimika l-istess għas-sorsi kollha ta' importazzjoni?	☐ Iva ☐ Le				
	Huma l-kondizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tal-kimika għall-użu domestiku l-istess għall-importazzjonijiet kollha?	☐ Iva ☐ Le				
6.4	INDIKAZZJONI TA' KONSIDRAZZJONI ATTIVA SABIEX TINTLAĦAQ DEĊIŻJONI FINALI					
	1.1. Hija deċiżjoni finali taħt konsiderazzjoni attiva?					
	☐ Iva ☐ Le					
	L-isem u l-indirizz kompluti ta' l-istituzzjoni/l-awtorita responsabbli li jkunu qegħdin jikkunsidraw attivament deċiżjoni finali:					
6.5	TAGĦRIF JEW GĦAJNUNA MITLUBA BIEX TINTLAĦAQ DEĊIŻJONI FINALI					
	It-tagħrif addizzjonali li ġej huwa mitlub mis-Segretarjat: L-għajnuna li ġejja hija mitluba mingħand il-pajjiż li notifika l-azzjoni regolatorja finali: L-assistenza li ġejja hija rikjesta mis-Segretarjat fil-valutazzjoni tal-kimika:					
6.6	Rimarki					
	Qatt kien hemm talba għar-reġistrazzjoni ta' din il-kimika fil-pajjiż?					
	☐ Iva ☐ Le					
	Hija din il-kimika bħalissa reġistrata fil-pajjiż?					
	☐ Iva ☐ Le					
	Hija din il-kimika fabrikata fil-pajjiż?					
	☐ Iva ☐ Le					
	Hija din il-kimika formolata fil-pajjiż?					
	☐ Iva ☐ Le					
	Jekk iva għall-waħda jew l-oħra minn dawn l-aħħar żewġ mistoqsijiet:	<table border="1"> <tr> <td data-bbox="496 1245 1177 1294">Hija maħsuba għal użu domestiku?</td> <td data-bbox="1198 1254 1489 1281"> ☐ Iva ☐ Le </td> </tr> <tr> <td data-bbox="496 1312 1177 1344">Hija maħsuba għal esportazzjoni?</td> <td data-bbox="1198 1317 1489 1344"> ☐ Iva ☐ Le </td> </tr> </table>	Hija maħsuba għal użu domestiku?	☐ Iva ☐ Le	Hija maħsuba għal esportazzjoni?	☐ Iva ☐ Le
Hija maħsuba għal użu domestiku?	☐ Iva ☐ Le					
Hija maħsuba għal esportazzjoni?	☐ Iva ☐ Le					
	Rimarki oħra					

TAQSIMA 7. TAGĦRIF ADDIZZJONALI RILEVANTI

Id-DNOC huwa klassifikat skond id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-klassifika, il-pakkeġġjar u l-għoti tat-tikketti tas-sustanzi perikolużi (ĠU L 196, tas-16.8.1967, p. 1) bħala Mutaġenika tal-Kategorija 3; R68 (Kategorija Mutaġenika 3; riskji possibbli ta' effetti irrversibbli) – T+; R26/27/28 (Tossiċi ħafna; tossiċi ħafna mat-teħid tan-nifs, il-kuntatt mal-ġilda u jew meta jinbelgħu) – Xi; R38, R42 (Irritanti; irritanti għall-ġilda; riskju ta' ħsara gravi għall-għajnejn) – R43 (jistgħu jikkawżaw sensitizzazzjoni mal-kuntatt mal-ġilda) – R44 (ir-riskju ta' splużjoni jekk imsaħħna meta konfinati) – N; R50/53 (Perikolużi għall-ambjent; tossiċi ħafna għall-organiżmi akwatiċi, jistgħu jikkawżaw effetti għal skond fit-tul fl-ambjent akwatiċi).

TAQSIMA 8. AWTORITÀ NAZZJONALI NOMINATA

Istituzzjoni	Indirizz Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorjat Ġenerali ta' l-Ambjent	Rue de la Loi B-1049 Brussel il-Belġiu

ANNEX III

Id-deċiżjoni interim ta' l-importazzjoni tal-formolazzjonijiet tal-pestiċidi tat-trab li jista' jitnaddaf li jkun fihom għaqda tal-benomil ta' jew aktar minn 7 %, tal-karbofuran ta' jew aktar mill-10 % u tat-tiram ta' jew aktar minn 15 %.



*Is-Segretarjat Interim tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Kunsens
Imgħarraf minn Qabel għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi Perikolużi fil-Kummerċ
Internazzjonali*



FORMOLA GĦAT-TWEĠIBA TAL-PAJJIŻ IMPORTATUR

IMPORTANTI: Ara l-istruzzjonijiet qabel timla l-formola

IL-PAJJIŻ: Il-Komunità Ewropea

(L-Istati Membri: l-Awstrija, l-Belġju, d-Danimarka, l-Finlandja, Franza, l-Ġermanja, l-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, l-Olanda, l-Portugall, Spanja, l-Isvezja, r-Renju Unit)

TAQSIMA 1. L-IDENTITÀ TAL-KIMIKA

1.1	L-Isem Komuni	Il-formolazzjoni tat-trab li jista' jitnaddaf li jkun fih għaqda ta': Benomil ta' 7 % jew fuqhom Karbofuran ta' 10 % jew fuqhom Tiram ta' 15 % jew fuqhom
1.2	In-Numri tas-SAK	Benomil 17804-35-2 Karbofuran 1563-66-2 Tiram 137-26-8
1.3	Tip tal-formolazzjoni u kontenut ta' l-ingredjent attiv	Il-formolazzjonijiet kollha li jkun fihom trab li jista' jitnaddaf li jkun fihom għaqda ta': Benomil ta' 7 % jew fuqhom Karbofuran ta' 10 % jew fuqhom Tiram ta' 15 % jew fuqhom

TAQSIMA 2. TWEĠIBA TA' L-IMPORTAZZJONI PROVVDUTA F'DIN IL-FORMOLA TAPPLIKA GĦALL-KATEGORIJA JEW KATEGORIJI LI ĠEJJIN.

- ☐ Pestiċidi
☐ Industrijali
☒ Formolazzjoni tal-pestiċida ta' riskju aħrax

TAQSIMA 3. INDIKAZZJONI RIGWARD IT-TWEĠIBA TA' QABEL (JEKK IKUN HEMM MINNHOM)

3.1	X Din hija tweġiba ta' l-ewwel darba għall-importazzjoni ta' din il-kimika fil-pajjiż.		
3.2	☐ Din hija modifikazzjoni ta' tweġiba ta' qabel.		
	It-tweġiba ta' qabel kienet deċiżjoni finali	☐ Iva	☐ Le
	It-tweġiba ta' qabel kienet tweġiba interim	☐ Iva	☐ Le
	Id-data tal-ħruġ tat-tweġiba ta' qabel: _____		

TAQSIMA 4. TWEĠIBA LI TIRRIĠWARDA IMPORTAZZJONI FUTURA

Deċiżjoni Finali (Imla sezzjoni 5, paġna 2) JEW ☐ Tweġiba interim (Imla sezzjoni 6, paġna 3-4)

TAQSIMA 5. DEĊIŻONI FINALI SKOND IL-MIŻURI LEĠISLATTIVI JEW AMMINISTRATTIVI NAZZJONALI

5.1 ☐ L-ebda kunsens għall-importazzjoni

Hija l-importazzjoni tal-kimika mis-sorsi kollha projbita simultanjament?

☐ Iva ☐ Le

Hija l-produzzjoni domestika tal-kimika għall-użu domestiku projbita simultanjament?

☐ Iva ☐ Le5.2 ☐ Kunsens għal importazzjoni5.3 ☐ Kunsens għal importazzjoni bla ħsara biss għal kondizzjonijiet speċifikati

Huma l-kondizzjonijiet għal importazzjoni tal-kimika l-istess għas-sorsi kollha ta' l-importazzjoni?

☐ Iva ☐ Le

Huma l-kondizzjonijiet tal-produzzjoni domestika tal-kimika Għal użu domestiku l-istess bħall-importazzjonijiet kollha?

☐ Iva ☐ Le

5.4 MIŻURA LEĠISLATTIVA JEW AMMINISTRATTIVA NAZZJONALI LI FUQHA HIJA MSEJSA D-DEĊIŻJONI FINALI

Iddeskrivi l-miżura legiſlattiva jew amministrattiva nazzjonali:

L-isem u l-indirizz kompluti ta' l-istituzzjoni/l-awtorità responsabbli mill-ħruġ tal-miżura legiſlattiva jew amministrattiva nazzjonali:

5.5 Rimarki (Ara that il-punti 5.3 u 5.4)

Qatt kien hemm talba għar-reġistrazzjoni ta' din il-kimika fil-pajjiż?

☐ Iva ☐ Le

Hija din il-kimika bħal issa reġistrata fil-pajjiż?

☐ Iva ☐ Le

Hija din il-kimika fabbrikata fil-pajjiż?

☐ Iva ☐ Le

Hija l-kimika formolata fil-pajjiż?

☐ Iva ☐ Le

Jekk iva għall-waħda jew l-oħra għal dawn l-aħħar żewġ mistoqsijiet:

Hija maħsuba għal użu domestiku?

☐ Iva ☐ Le

Hija maħsuba għal esportazzjoni?

☐ Iva ☐ Le

Rimarki oħra

TAQSIMA 6. IT-TWEĠIBA INTERIM

6.1 X L-ebda kunsens għall-importazzjoni

Hija l-importazzjoni tal-kimika mis-sorsi kollha probita simultanjament?

X Iva ☐ Le

Hija l-produzzjoni domestika tal-kimika għall-użu domestiku projbita simultanjament?

X Iva ☐ Le6.2 ☐ Kunsens għal importazzjoni

6.3	☐ Kunsens għal importazzjoni bla ħsara biss għal kondizzjonijiet speċifikati Huma l-kundizzjonijiet għall-esportazzjoni tal-kimika l-istess għas-sorsi kollha ta' importazzjoni? ☐ Iva ☐ Le Huma l-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tal-kimika għall-użu domestiku l-istess għall-importazzjonijiet kollha? ☐ Iva ☐ Le													
6.4	INDIKAZZJONI TA' KONSIDRAZZJONI ATTIVA SABIEX TINTLAĦAQ DEĊIŻJONI FINALI 1.1. Hija deċiżjoni finali taħt konsiderazzjoni attiva? ☐ Iva ☐ Le L-azzjoni amministrattiva li ġejja tkun qed tidħol fis-seħħ matul il-perjodu taż-żmien li fiha tkun qiegħda tiġi kunsidrata deċiżjoni finali: Huma projbiti l-użu u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti kollha tal-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom il-Benomil. Il-Benomil ġie eskluż mill-Anness mad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li tirrigwarda t-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1) u għalhekk l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom din is-sustanza ġew irtirati skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/928/KE (ĠU L 322, tas-27.11.2002, p. 53.). Il-karbofuran huwa inkluż fil-programm Komunitarju għall-valutazzjoni tas-sustanzi attivi eżistenti skond id-Direttiva 91/414/KEE. Il-valutazzjoni mhix mistennija li tiġi kompletata qabel it-tmiem tas-sena 2004. Sadattant, huwa għall-Istati Membri li jieħdu d-deċiżjonijiet nazzjonali jekk jawtorizzawx jew le l-użu tiegħu fit-territorji tagħhom. Skond id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/81/KE (ĠU L 224, tas-6.9.2001, p. 29), it-tiram ġie inkluż fl-Anness mad-Direttiva 91/414/KEE u huwa awtorizzat bħala sustanza attiva għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti sabiex jintuża bħala fungicida jew repellent. L-Istati Membri jistgħu għalhekk jawtorizzaw il-prodotti li jkun fihom is-sustanza għal dawn il-għanijiet bla ħsara għal ċerti kondizzjonijiet. Iktar minn hekk, it-tiram kien identifikat u nnotifikat ġewwa l-qafas tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 li tirrigwarda t-tqegħid fis-suq tal-prodotti bjoċidali (ĠU L 123, ta' 1-24.4.1998, p. 1), Skond l-Artikolu 16(1) ta' din id-Direttiva jista' jintuża fil-prodotti bjoċidali skond il-leġislazzjoni ta l-Istati Membri sakemm toħroġ deċiżjoni Komunitarja finali. Iż-żmien approssimattiv meħtieġ qabel tista' tintlaħaq deċiżjoni finali: sas-sena 2009, meta l-valutazzjoni Komunitarja għall-użu bjoċodali tat-tiram trid titlesta. L-isem u l-indirizz ikkompletati ta' l-istituzzjoni/awtorità responsabbli li jikkunsidraw deċiżjoni finali b'mod attiv: Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha (ara l-indirizz fit-taqsimha 8).													
6.5	TAGĦRIF JEW GĦAJNUNA MITLUBA SABIEX TINTLAĦAQ DEĊIŻJONI FINALI It-tagħrif addizzjonali li ġej huwa mitlub mis-Segretarjat: L-għajnuna li ġejja hija mitluba mingħand il-pajjiż li notifika l-azzjoni regolatorja finali: L-assistenza li ġejja hija rikjesta mis-Segretarjat fil-valutazzjoni tal-kimika:													
6.6	Rimarki <table border="1"> <tr> <td data-bbox="213 1720 478 1765">Qatt kien hemm talba għar-reġistrazzjoni ta' din il-kimika fil-pajjiż?</td><td data-bbox="478 1720 1193 1765">☐ Iva ☐ Le</td></tr> <tr> <td data-bbox="213 1765 478 1809">Hija din il-kimika bħalissa reġistrata fil-pajjiż?</td><td data-bbox="478 1765 1193 1809">☐ Iva ☐ Le</td></tr> <tr> <td data-bbox="213 1809 478 1854">Hija din il-kimika fabrikata fil-pajjiż?</td><td data-bbox="478 1809 1193 1854">☐ Iva ☐ Le</td></tr> <tr> <td data-bbox="213 1854 478 1899">Hija din il-kimika formolata fil-pajjiż?</td><td data-bbox="478 1854 1193 1899">☐ Iva ☐ Le</td></tr> <tr> <td data-bbox="213 1899 478 1966" rowspan="2">Jekk iva għal waħda jew l-oħra minn dawn l-aħħar żewġ mistoqsijiet:</td><td data-bbox="478 1899 1193 1966">Hija maħsuba għal użu domestiku? ☐ Iva ☐ Le</td></tr> <tr> <td data-bbox="478 1966 1193 2022">Hija maħsuba għal esportazzjoni? ☐ Iva ☐ Le</td></tr> <tr> <td colspan="2" data-bbox="213 2022 478 2067">Rimarki oħra</td></tr> </table>	Qatt kien hemm talba għar-reġistrazzjoni ta' din il-kimika fil-pajjiż?	☐ Iva ☐ Le	Hija din il-kimika bħalissa reġistrata fil-pajjiż?	☐ Iva ☐ Le	Hija din il-kimika fabrikata fil-pajjiż?	☐ Iva ☐ Le	Hija din il-kimika formolata fil-pajjiż?	☐ Iva ☐ Le	Jekk iva għal waħda jew l-oħra minn dawn l-aħħar żewġ mistoqsijiet:	Hija maħsuba għal użu domestiku? ☐ Iva ☐ Le	Hija maħsuba għal esportazzjoni? ☐ Iva ☐ Le	Rimarki oħra	
Qatt kien hemm talba għar-reġistrazzjoni ta' din il-kimika fil-pajjiż?	☐ Iva ☐ Le													
Hija din il-kimika bħalissa reġistrata fil-pajjiż?	☐ Iva ☐ Le													
Hija din il-kimika fabrikata fil-pajjiż?	☐ Iva ☐ Le													
Hija din il-kimika formolata fil-pajjiż?	☐ Iva ☐ Le													
Jekk iva għal waħda jew l-oħra minn dawn l-aħħar żewġ mistoqsijiet:	Hija maħsuba għal użu domestiku? ☐ Iva ☐ Le													
	Hija maħsuba għal esportazzjoni? ☐ Iva ☐ Le													
Rimarki oħra														

TAQSIMA 7. TAGĦRIF ADDIZZJONALI RILEVANTI

Skond id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-klassifika, l-pakkeġġjar u l-ġħoti tat-tikketti tas-sustanzi perikolużi (ĠU L 196, tas-16.8.1967, p. 1) is-sustanzi individwali li jinsabu fil-formolazzjoni huma klassifikati kif ġej:

Il-Benomil: Kategorija Mutaġenika 3; R68 Kategorija mutaġenika 3; riskji possibbli ta' effetti irriversibbli).

Il-Karbofuran: T+; R26/28 (Tossiku Ħafna mal-ġbid tan-nifs u meta jinbela') – N; R50-53 (Perikoluż għall-ambjent; Tossiku Ħafna għall-organiżmi akwatiċi; jista' jikkawża effetti negattivi għal skond fit-tul fl-ambjent akwatiku).

It-Tiram: Kategorija Mutaġenika 3; R68 (Kategorija mutaġenika 3; riskji possibbli ta' effetti irriversibbli) – Xri; R20/22 (Ta' Ħsara; ta' ħsara mal-ġbid tan-nifs u meta jinbela') – Xi; R36/37 (Irritanti; irritanti għall-għajnejn u għas-sistema respiratorja) – R43 (jista' jikkawża s-sensitizzazzjoni b'kuntatt mal-ġilda)

TAQSIMA 8. L-AWTORITÀ NAZZJONALI NOMINATA

Istituzzjoni	Il-Kummissjoni Ewropea Id-DĠ ta' l-Ambjent
Indirizz	Rue de la Loi 200 B-1049 Brussel il-Belġiu